MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-4 ta' April, 2013

Numru. 71/2013

**SPETTUR FABIAN FLERI**
**VS**
**JEFFREY CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jeffrey Cassar ta’ 28 sena, bin Emanuel u Natalie nee’ Bugeja, mwieled Pieta’ nhar l- 24 ta’ Mejju 1984, residenti Pandora, Triq il- Bufula il- Hamra, Mosta u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 258584M;

Talli fil- 11 ta’ Mejju 2003 bejn il- 11.00hrs u s- 13.30hrs mill- Med Shark li huwa parti mill- Mare D’ Oro Complex li jinsab fi Triq il- Fekruna, San Pawl il- Bahar ikkommetta serq ta’ diversi apparat tad- diving liema serq huwa aggravat bl- ammont li jeccei €232.94, izda ma jeccedix €2,329.37 bil- mezz u dan ghad- detriment ta’ Lothar Milling u/jew persuna/i ohra;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi dan ir-reat jirrisali ghal madwar ghaxar snin ilu, u llum m'ghadx hem mil-htiega ta' piena li tirrsetringi l-liberta' tal-persuna;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267, 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------